MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 53/1995/4

Il-Pulizija
Vs
Melchior Spiteri u Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:

1) f'Ta' Qali, bejn it-12.1.1991 u l-14.1.1991, ikkommetta serq t'oggetti tal-fidda li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) mill-J.c.f. Jewellery ghad-dannu ta' Michael Mizzi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u vjolenza numerika;
2) fir-Rabat, Malta fl-24.1.1991 ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb li l-valur taghhom hu ta' izjed minn l-elf lira Maltin (LM1000) minn fond "Tal-Glossy", Ta' Srina

Road, Rabat, Malta, ghad-dannu ta' Peter Axisa, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, valur u lok;
3) f'Kordin, limiti ta' Rahal il-Gdid bejn it-13.10.1990 u l-15.10.1990 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Delta (Malta) Ltd, li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
4) fil-Gudja fil-15.9.1990 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Carmelo Cassar Ltd, li qeghda f'Tarxien Road, Gudja, ghad-dannu ta' Carmelo Cassar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
5) f'Bulebel, limiti taz-Zejtun, bejn is-7.9.1990 u l-10.9.1990 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika F. Coupe & Sons li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
6) fid-19.1.1991 f'Ghajn Dwieli, Bormla, kkommetta serq ta' karozza ta' l-ghamla Escort nru, J 2983 li l-valur taghha jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Grezzju Seychell, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-orta tal-haga misruqa;
7) f'Tal-Balal, limiti ta' Birkirkara, fis-26.1.1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda anqas minn elf lira Maltin (LM1000) mill-Vibes Discotheque li qieghed f'Ghargur Road, Birkirkara, ghad-dannu ta' Mario Grech, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
8) f'Ta' Cejlu, limiti tal-Belt Valletta, fis-26.1.1991 ikkommetta serq ta' karozza ta' l-ghamla Mini Minor nru. S 1836 li l-valur taghha jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Mario Corso, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u xorta tal-haga misruqa;
9) fil-Marsa, bejn il-lejl ta' 12/13 t'Ottubru 1990, ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Sanga Ltd li qieghed fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u hin;

10) f’Bulebel bejn il-15 u 18.2.1991 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-ghaxart elef liri Maltin (LM10,000) mill-fabbrika Cosmoprof Ltd li qeghda fil-Qasam Industrijali ta’ Bulebel, limiti taz-Zejtun, ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u l-valur;
11) fil-Marsa matul il-lejl tas-6/7.2.1991 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-ghaxart elef lira Maltin (LM10,000) mill-fabbrika Lambs Knitwear, li qeghda fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u hin;
12) f’Birkirkara fit-8.2.1991 ikkommetta serq ta’ karozza ta’ l-ghamla Triumph Nru. D 8301 li l-valur taghha jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta’ Stephen Cassar, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u xorta tal-haga misruga;
13) f’Ricasoli bejn il-11 u t-12.7.1990 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux izjed minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika G.P.A. Kimiki Ltd, li qeghda fil-Qasam Industrijali ta’ Ricasoli, limiti tal-Kalkara, ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
14) f’Ricasoli bejn l-20 u t-23.9.1990 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux izjed minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Medisan li qeghda fil-Qasam Industrijali ta’ Ricasoli limiti tal-Kalkara, ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
15) f’Bulebel bejn il-5 u t-8.10.1990 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux izjed minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Brand Ltd li qeghda fil-Qasam Industrijali ta’ Bulebel limiti taz-Zejtun, ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
16) fl-Imriehel bejn id-19 u l-20.1.1991 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda anqas minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Romatex Ltd li qeghda fil-Qasam Industrijali ta’ l-

Imriehel limiti ta' Hal-Qormi, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
17) f'Hal-Luqa bejn id-19 u l-21.1.1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Construct Furniture/Alum Plast li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u l-valur;
18) fil-Furjana fis-6.2.1991 ikkommetta serq ta' karozza ta' l-ghamla Austin nru. S 5333 li l-valur taghha hu ta' aktar minn elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Christian Gauci, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta ta' l-haga misruqa;
19) fl-Imriehel bejn id-9 u t-12.12.1989 ikkommeta serq ta' safe u flus li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Puma li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' l-Imriehel, limiti ta' Hal-Qormi, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u l-valur;
20) f'Bulebel bejn it-18 u l-20.8.1990 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux izjed minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Folks Veritas li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel, limiti taz-Zejtun, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
21) f'dawn il-Gzejjez matul dawn l-ahhar xhur saq diversi vetturi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
22) matul dawn l-ahhar xhur f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara diversi oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reati, sew jekk dawn saru f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000);
23) kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26.11.1990 u fis-7.1.1991.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Far, 1995, li biha wara li rat l-Artikoli 18, 261 (a)(b)(c)(e)(g)(f), 262 (1)(b), 263, 264,

265, 266, 267, 269, 271, 270, 277 (b), 279 (b), tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 221 (1) u 37 tal-Kap 9, l-Artikoli 95 (c), 338 (2), 209 tal-Kap. 9, l-Artikolu 37 tal-Kap. 9, l-Artikoli 284, 285, 37 tal-Kap 9, l-Artikoli 352 (d) u 37 tal-Kap 9, l-Artikolu 338 (e) tal-Kap. 9, l-Artikoli 15 (1)(a) tal-Kap. 65 u fl-Artikolu 3 (1)(2) tal-Kap. 104; fl-Artikolu 10 (1)(a) tal-Kap. 152; fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, illiberat lill-imputat mill-akkuza dwar ricettazzjoni u fuq il-kumplament sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-multa ta' LM250, sena sospensjoni tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan u hames snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Settembru, 1995 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha timmodifika s-sentenza appellata w tipprovdi piena alternattiva ghal dik karcerarja.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti :- Illi l-piena fic-cirkostanzi specjali tal-kaz kienet eccessiva w mhux idonea . Illi fiz-zmien tar-reat l-appellant kien ghadu ta' eta' tenera. Illi huwa kkollabora hafna mall-Pulizija.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat l-izvilupp ta' din il-kawza quddiem din il-Qorti diversament preseduta ghal zmien ta' seba snin qabel ma dil-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif issa preseduta;

Rat id-Digriet Taghha tat-3 t' Ottubru, 2002 li biha ssopprassjediet sakemm jigi deciz ir-rikors kostituzzjonali tal-appellant u t' appellant iehor mill-Qorti Kostituzzjonali ;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 t' Ottubru, 2003 ;

Rat l-ordni taghha tal-4 ta' Novembru, 2003 ghar-riappuntament tal-appell ghat-trattazzjoni ghas-seduta tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat id-Digriet Taghha tat-13 ta' Novembru, 2003 , fejn , fuq talba tal-Prosekuzzjoni, ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju tal-appell odjern minn appelli ohra t' appellanti ohra fl-istess kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jesmond Cassar et."

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza w tal-Prosekuzzjoni fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ;

Rat l-ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti .Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.)

Illi skond is-sentenza appellata l-appellant gie liberat mill-akkuza dwar ricettazzjoni w misjub hati tal-kumplament u gie kkunndannat ghall-hames snin prigunerija, mitejn u hamsin lira (LM250) multa w sena sospensjoni tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan. L-appellant ghalhekk gie nstab hati ta' mhux inqas minn ghoxrin (20) serqa f' periodu ta' ftit xhur bejn l-ahhar tas-sena 1990 u l-bidu tas-sena 1991, sewqan bla licenzja w bla insurance kif ukoll li kiser il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta .

Illi mill-ezami tal-fedina penali tal-appellant jirrizulta li qabel ma kkommetta whud mir-reati mertu ta' dan l-appell hu kien diga' kkommetta reati ohra ta' serq , feriti fuq persuni privati , theddid u ingurji fil-konfront ta' Pulizija , hsarat volontarji w reati ohra. Ghalhekk ir-reati mertu ta' din il-kawza ma kienux l-ewwel okkazzjonijiet li fihom hu

kien kiser difrejh mal-ligi. Inoltre qabel il-kommissjoni ta' uhud minn dawn ir-reati kien gja gie sentenzjat mill-inqas sitt darbiet mill-Qrati w proprju uhud mis-sentenzi nghtaw fil-kors tal-periodu meta kienu qed jigu kommessi s-serqiet mertu ta' din il-kawza . Hu gie moghti l-beneficcju tal-liberta' kondizzjonata tlitt darbiet f' dawn is-sentenzi .Jidher pero' li dan ma serva ghal xejn ghax hu xorta wahda baqa' ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu

Wara l-kommissjoni tar-reati mertu ta' dan l-appell imbaghad l-appellant ghandu ruxxmata ta' kundanni mill-Qrati w f'mhux inqas minn disa w ghoxrin darba gie sentenzjat ghall-piena karcerarja w f' disgha darbiet ohra kellu piena pekunjarja konvertita f'detenzjoni . Minn dan kollu jidher car li l-appellant ma bidilx il-hajja refrattarja li kien qabad anzi kull ma jmur donnu beda' jakkanixxi ruhu fil-kriminalita' w dana minkejja d-diversi opportunitajiat li nghata mill-Qrati b' sentenzi fejn minnflok il-piena karcerarja ndikata, nghatatlu piena pekunjarja, jew liberazzjoni kondizzjonata jew sentenza ta' prigunerija sospiza. Anzi meta fl-ahhar hareg mill-habs wara periodu konsiderevoli, proprju wara ftit gimghat, wasal biex ikkommetta l-aktar reat serju tal-karriera kriminuza tieghu w cioe' omicidju volontarju li tieghu nstab hati mill-gurija fil-Qorti Kriminali w gie sentenzjat ghalih fid-9 ta' Dicembru, 2003.

Illi ghar-rigward tas-sottomissjoni tal-abbli difensur maghmula fil-kors tat-trattazzjoni orali - ghax ma tissemmiex b'mod specifiku fir-rikors tal-appell ghax fir-rikors tissemma biss l-“eta' tenera tal-appellant” - li l-appellant kien ghadu minorenni meta kkommetta r-reati mertu ta' din il-kawza w li dan ma giex rifless fis-sentenza appellata , din il-Qorti tirraviza li l-appellant twieled fis-16 t' April, 1975 u ghalhekk verament kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena meta kkommetta r-reati li taghhom instab hati mill-Ewwel Qorti. Issa , meta l-Ewwel Qorti kkonsidrat l-artikoli li tahthom kienet qed tinstab htija w artikoli ohra rilevanti ghall-applikazzjoni tal-piena, ghalkemm espressament semmiet l-artikolu 37 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-mill-inqas erba darbiet , jidher li dan ghamlitu biss b'riferenza ghar-reati precedenti li taghhom

kienet qed tittratta mall-appellant skond l-artikolu 10 (1)(a) tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksur tal-liberta' kondizzjonata lilu moghtija b'sentenzi precedenti taht l-artikolu 9. Imkien fis-sentenza appellata ma jissemma espressament li l-appellant kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati mertu ta' din il-kawza. U meta kienet qed telenka l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati mertu ta' din il-kawza , f' paragrafu separat minn dak fejn elenkat l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li kienet qed tittratta taghhom mieghu ghall-ksur tal-liberta' taht kondizzjoni ma ghamlet ebda riferenza ghall-artikolu 37 tal-Kap. 9.

Bil-mod kif saret l-istezura tas-sentenza appellata, din il-Qorti ghandha dubju serju kemm l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li hu kien ghadu taht l-eta' meta kkommetta r-reati mertu ta' din il-kawza. Dan id-dubju ma jistax imur hlief favur l-appellant .

Issa skond l-artikolu 37 tal-Kap.9 , jekk bhal fil-kaz in ezami , l-hati jkun ghalaq l-erbatax il-sena izda ma jkollux tmintax il-sena, il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Illi ma hemmx dubju li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kienet tirrientra fil-parametri tal-ligi ghall-persuna li tkun ghalqet it-tmintax il-sena , bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap.9 dwar ir-reat kontinwat . Irid pero' jigi ezaminat ukoll jekk il-piena ta' hames snin prigunerija nflitta fuq l-appellant xorta wahda tibqax entro l-parametri legali, wara li jitnaqqas ghall-inqas grad mill-piena altrimenti applikabbli, kif jipprovdi l-artikolu 37.

Illi l-piena massima ghall-serq ikkwalifikat bil-valur biss skond l-artikolu 279 (b) indikat fis-sentenza appellata hija dik ta' seba snin prigunerija. U skond il-proviso tal-artikolu 280 meta l-kwalifika tal-valur tkun akkompanjata bil-kwalifika tal-vjolenza jew tal-mezz jew tat-tnejn flimkien skond l-artikolu 277(b) ukoll citat fis-sentenza appellata , l-piena tizdied bi grad iehor ghall-disgha snin. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 li jirrigwarda l-piena ghar-reat kontinwat , il-piena imbaghad tista' tizdied sa zewg gradi

ohra w cioe' titla' sa massimu ta' ghoxrin sena . Hu ovvju ghalhekk li anki jekk wiehed kellu japplika t-tnaqqis massimu diskrezzjonali f'idejn il-Qorti ta' zewg gradi skond l-artikolu 37, minn din il-piena massima, jerga' jinzel biss sa massimu ta' piena ta' disgha snin prigunerija. "Multo magis", jekk jitnaqqas grad wiehed biss . Ghalhekk il-piena nflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti kienet tirrientra wkoll fil-parametri legali applikabbli.

Pero' ladarba din il-Qorti ghandha dubju serju jekk l-Ewwel Qorti qiesetx il-fatt li l-appellant kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena wkoll meta kkommetta r-reati mertu ta' din il-kawza , thoss li l-appellant ghandu jibbenefika minn temperament fil-piena **b' riduzzjoni ta' grad wiehed** mill-piena nflitta mill-Ewwel Qorti biex b'hekk jigi rispettat il-vot tal-artikolu 37 tal-Kap.9. u dana anki wara li qieset dak kollu dwar il-kondotta tal-appellant riportat fil-paragrafi precedenti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal hames snin prigunerija w minnflok tikkundannah ghal erba (4) snin prigunerija w billi tikkonfermaha ghall-kumplament taghha fejn iddikjarat lill-appellant hati tal-ghoxrin serqa , talli saq karozzi minghajr insurance u minghajr licenzja tas-sewqan u talli kiser il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap.152 li kien impost fuqu b'sentenza tas-26 ta' Novembru, 1990 u tas-7 ta' Jannar, 1991 u fejn illiberatu mill-akkuza ta' ricettazzjoni w kkundannatu ukoll ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) u ordnat is-sospensjoni tal-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal zmien sena , liema periodu ta' sospensjoni ghandu jibda' jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum, kif ukoll fejn ikkundannatu li jhallas wiehed min seba' (1/7) tal-ispejjez tal-perizji, u fejn ordnat li l-arrest preventiv ghandu jitnaqqas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------